Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**5913/17**

**COPEN 28**
**EUROJUST 18**
**EJN 7**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Maurizio Massari, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 21 ta' Diċembru 2016 |
| lil: | Is-Sinjura Christine Roger, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti<br>- Notifika mill-Italja |

Għażiż Direttur Ġenerali,

L-Italja implimentat id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti permezz tad-Digriet Leġislattiv nru 34 tal-15 ta' Frar 2016, fis-seħħ mill-25 ta' Marzu 2016.

Qed nibgħat għall-attenzjoni tiegħek nota mill-Ministeru Taljan għall-Ġustizzja dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru msemmija, bit-test tal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni mehmuż bit-Taljan, kif ukoll traduzzjoni ta' korteżija bl-Ingliż. (*)

(Formula ta' għeluq)

(iffirmat) Maurizio Massari

---

(*) *It-test tal-liġi għadu ma ġiex riprodott.*

**Ministero della Giustizia**
**Dipartimento per gli Affari di Giustizia**
**Direzione Generale della Giustizia Penale**

**Lil: IS-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL**

**IL-KUMMISSJONI**

*permezz ta'*

**Ir-RAPPREŻENTANZA PERMANENTI TAR-REPUBBLIKA TALJANA**

**GĦALL-UNJONI EWROPEA**

**Rigward: Notifika skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti.**

Ir-Repubblika Taljana għandha l-unur tinfurmak li d-Deċiżjoni Kwadru speċifikata fir-Rigward: ġiet implimentata b'mod sħiħ permezz tad-Digriet Leġislattiv Nru 34 tal-15 ta' Frar 2016 li jistipula "*Dispożizzjonijiet għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti*", ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Taljana Nru 58 tal-10 ta' Marzu 2016 u li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 2016.

Għaldaqstant, mill-25 ta' Marzu 2016, l-Italja ser tapplika l-proċeduri previsti fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/ĠAI.

It-test tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġislattiv Nru 34 tal-15 ta' Frar 2016 huwa mehmuż ma' dan, flimkien ma' traduzzjoni bl-Ingliż.

Ruma,

Raffaele Piccirillo

DIRETTUR ĠENERALI